# Malta tkompli tmexxi l-isforzi internazzjonali kontra l-qtil illegali tal-għasafar fil-Mediterran

## Għandna nkomplu nagħtu l-eżempju

BirdLife Malta tixtieq tifraħ lil Sergei Golovkin għall-konferma tiegħu bħala *chairperson* tal-laqgħa konġunta tal-United Nations Environment/Conservation of Migratory Species Convention Task Force on Illegal Killing, Taking and Trade of Migratory Birds in the Mediterranean (MIKT) u l-Bern Convention Network of Special Focal Points on Eradication of Illegal Killing Trapping and Trade in Wild Birds li qed tiġi ospitata bħalissa f'Malta u li fiha BirdLife Malta qed tipparteċipa bħala osservatur bħala parti minn delegazzjoni ta' tmienja mill-familja tal-BirdLife International. Din id-delegazzjoni tinkludi lil BirdLife Malta, BirdLife Cyprus, SEO, Nature Conservation Egypt, NABU, RSPB, BirdLife Europe and Central Asia, u BirdLife International.

Il-laqgħa nfetħet mill-Onor. Segretarju Parlamentari Clint Camilleri li bagħat messaġġ ċar li l-Gvern ta' Malta hu impenjat li jkompli jnaqqas il-kaċċa illegali f'Malta. Sergei Golovkin, li jmexxi l-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) – it-taqsima inkarigata mill-politika u l-infurzar fir-rigward tal-kaċċa u l-insib f'Malta – kien riappuntat bħala *Chairman* tas-CMS Task Force u l-Bern Convention Network fil-bidu tat-taħditiet.

Il-laqgħa, li saret tul l-aħħar jumejn f'Tas-Sliema, attendew għaliha aktar minn 80 delegat li jirrappreżentaw 28 pajjiż u aktar minn 30 parteċipant f'isem organizzazzjonijiet differenti. Dawn iddiskutew l-implimentazzjoni taż-żewġ Konvenzjonijiet fl-istati Ewropej u Mediterranji kollha, fosthom Malta, biex jonqos il-qtil illegali tal-għasafar fil-kuntest tat-twettiq tal-Programm ta' Ħidma tas-CMS MIKT u l-Bern Convention Tunis Action Plan kif ukoll l-EU Roadmap. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' azzjonijiet nazzjonali bis-sehem ta' msieħba differenti biex tkun indirizzata l-problema tal-qtil illegali, l-insib u l-kummerċ ta' għasafar slavaġ – theddida komuni għall-għasafar tal-passa f'diversi pajjiżi tal-Mediterran.

Meta kienu qed jirrappurtaw lil-laqgħa li qed issir f'Malta dwar l-implimentazzjoni tat-Tunis Action Plan u l-Programm ta' Ħidma tal-MIKT, uffiċjali tad-WBRU semmew li Malta dalwaqt se tkun qed tippreżenta Strateġija Nazzjonali ta' Infurzar b'konsultazzjoni mal-imsieħba li se tistudja kif il-liġijiet, l-infurzar u l-proċessi ġudizzjarji jistgħu jiġu msaħħa biex jiġi indirizzat aktar il-qtil illegali tal-għasafar. F'dan il-kuntest, waqt il-laqgħa l-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Aħna nilqgħu u nħarsu 'l quddiem lejn il-parteċipazzjoni f'dan il-

www.birdlifemalta.org/become-member
Għinna ntiru
Issieħeb ma' BirdLife Malta u tir magħna

proċess li għandu jgħin lil Malta biex tiddedika aktar riżorsi biex tindirizza l-illegalitajiet, kif ukoll ittejjeb il-liġijiet tagħha li huma mmirati lejn aktar miżuri ta' konservazzjoni għall-għasafar slavaġ. Din l-istrateġija hija inkoraġġanti u teħodna lil hinn mill-idea li jitnaqqsu l-multi u l-pieni b'rabta mal-qtil illegali tal-għasafar." Dan intqal b'riferenza għal dikjarazzjonijiet li saru tul il-kampanja elettorali tal-elezzjoni ġenerali tat-3 ta' Ġunju dwar il-possibilità ta' tnaqqis fil-multi u l-pieni għal każi ta' qtil illegali ta' tajr protett.

Żvilupp interessanti fit-taħditiet f'Malta kienu d-diskussjonijiet li saru biex ikun stabbilit *scoreboard* li se jkollu l-iskop li jissimplifika l-mod kif diversi pajjiżi jirrappurtaw il-ħidma u l-impenn tagħhom biex ikun analizzat il-progress li jkun qed isir fil-ġlieda kontra l-qtil illegali, il-qbid u l-kummerċ ta' għasafar slavaġ madwar l-Ewropa u fir-reġjun tal-Mediterran.

F'kummenti dwar iż-żewġ laqgħat, il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana kkonkluda: "Bil-fatt li qed tospita dawn it-taħditiet u saħanistra qed tmexxi t-*task force* li twaqqfet biex tindirizza l-problema tal-qtil illegali tal-għasafar, Malta qed tibgħat messaġġ pożittiv li għandu jwassalna biex nagħmlu passi 'l quddiem u titjib fuq il-passat f'dan is-suġġett. Aħna nilqgħu l-istqarrija li għamel is-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri u anke l-impenn iddikjarat mill-Kap tad-WBRU f'din id-direzzjoni, u qed inħarsu 'l quddiem biex naraw dan kollu qed jitpoġġa fil-prattika fix-xhur li ġejjin."

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org


**Ħoloq utli:**

- L-istqarrija maħruġa lbieraħ mis-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: http://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2017/June/22/PR171503.aspx

- Il-laqgħa konġunta tal-UNEP CMS Convention Mediterranean Task Force u l-Bern Convention Network, Malta (22-23 ta' Ġunju): http://www.cms.int/en/meeting/joint-meeting-cms-intergovernmental-task-force-illegal-killing-taking-and-trade-migratory

**Ritratti mehmużin:**

1. Il-laqgħa ta' Malta dwar il-qtil illegali tal-għasafar slavaġ. (Ritratt ta' Nicola Crockford, RSPB)
2. Il-laqgħa ta' Malta dwar il-qtil illegali tal-għasafar slavaġ. (Ritratt ta' Nicola Crockford, RSPB)
3. Willem Van den Bossche minn BirdLife Europe and Central Asia jippreżenta rapport ta' BirdLife dwar il-qtil illegali u l-qbid tal-għasafar fl-Ewropa. (Ritratt ta' Nicholas Barbara, BirdLife Malta)